Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,736, 21 ta' April, 2011

Taqsima B

A.L. 151 tal-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Istatut biex jemenda l-Istatut 2 – Il-Fakultajiet (Emenda Nru. 5) tal-Università ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikoli 72, 75(1), 77(d) u 136(3) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut biex jemenda l-Istatut 2 – Il-Fakultajiet (Emenda Nru 5) tal-Università ta' Malta - u għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Istatuti tal-Università ta' Malta mdaħħla fl-Iskeda II tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap.327), li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "l-istatut prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan l-Istatut għandu japplika mil-11 ta' Frar 2011 'l quddiem.

L-Emenda għall-istatut 2

3. Minflok l-Istatut 2 tal-istatut prinċipali għandu jidħol dan il-ġej:

"L-Università jkollha tlettax-il Fakultà, li huma:
Il-Fakultà tal-Ambjent Mibni
Il-Fakultà tal-Arti
Il-Fakultà tal-Kirurġija Dentali
Il-Fakultà tal-Ekonomija, il-*Management* u l-*Accountancy*
Il-Fakultà tal-Edukazzjoni
Il-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa
Il-Fakultà tal-Inġinerija
Il-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Kommunikazzjoni
Il-Fakultà tal-Liġi
Il-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien
Il-Fakultà tal-Mediċina u Kirurġija
Il-Fakultà tax-Xjenza
Il-Fakultà tat-Teoloġija."